TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 419/10

**Céline Zammit Gatt**

**vs**

**C. Fino & Sons Ltd.**

Illum 13 ta' Lulju, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fil-21 ta' Ottubru, 2010 fejn ir-rikorrenti talbet rifużjoni ta' mija, u ħamsa w għoxrin ewro, u tmenin ċenteżmi (€125.80), rappreżentanti prezz żejjed tal-bilanċ li ma kienx imħallas, liema prezz żejjed ir-rikorrenti ssostni li m'għandhiex tħallas

L-intimat ma ppreżentax risposta bil-miktub għal din it-talba u lanqas attenda għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ,

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi hija ordnat mejda u siġġijiet mingħand id-ditta intimata C. Fino & Sons Ltd u skond il-kalkoli tagħha ħallset l-ammont kollu. Wara li sar il-ħlas, intalbet tħallas mija, u ħamsa w għoxrin ewro, u tmenin ċenteżmi (€125.80) oħra mingħand id-ditta intimata u r-rikorrenti ssottomettiet li ma kienx dovut għax hija kellha wkoll żewġ vouchers.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal jinnota illi s-soċjeta' intimata debitament notifikata kemm bl-Avviż tat-Talba kif ukoll bid-data u l-ħin tas-smiegħ u msejħa tliet darbiet, baqgħet ma dehritx għas-seduta u għalhekk ma kkontestatx din it-talba.

It-Tribunal jinnota wkoll illi sal-ħin tas-seduta, s-soċjeta' intimata kienet għada ma bagħtitx risposta bil-miktub.

Għaldaqstant, it-Tribunal wara li sema' x-xhieda tar-rikorrenti, jinnota li l-verżjoni tagħha hija kredibli u aċċettabli.

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE (+356) 21227070. FAX. (+356) 21239888

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, fis-sens illi r-rikorrenti m'għandhiex tħallas l-ammont ta' mija, u ħamsa w għoxrin ewro, u tmenin ċenteżmi (€125.80), bl-ispejjeż jiġu supportati ugwalment bejn il-partijiet.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**